MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 193/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Josef Galea talli:

1) nhar-it 23 ta' Jannar 2007 ghall-habta tal-5.30 ta' wara nofsinhar filwaqt li kien fir-residenza li tinsab fil-fond numru 7 'Villa Robinich', Triq il-Kuluvert, Fgura, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja tal-kunjatu tieghu Ibrahim Hassan Yousef Elasrag mill-Fgura f'perikolu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi permezz ta' sikkina, kif iccertifikat minn Dr. Marcel Martinelli M.D (warrant mediku numru 1680) tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, liema

ferita ggiblu mankament jew sfregju fil-pala tal-id ix-xellugija;

2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku ghamel reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kien fid-dmir tieghu li jimpedixxi milli jsiru tali reati;

3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien fir-residenza li tinsab fil-fond numru 7 ‘Villa Robinich’ Triq il-Kuluvert, gewwa l-Fgura, hedded lill-kunjatu tieghu Ibrahim Hassan Yousef Elasrag mill-Fgura permezz ta’ sikkina;

4) fl-istess data, lok u cirkostanzi wara li gie pprovokat, ingurja lil kunjatu tieghu Ibrahim Hassan Yousef Elasrag mill-Fgura b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

5) fl-istess data, lok u cirkostanzi stieden ghall-glied lill-kunjatu tieghu Ibrahim Hassan Yousef Elasrag mill-Fgura;

6) fl-istess data, hin u lok hebb kontra l-persuna tal-kunjatu tieghu Ibrahim Hassan Yousef Elasrag mill-Fgura sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess;

7) fl-istess data, hin u lok qal fil-pubbliku kliem oxxen u indecenti;

8) fl-istess data, hin u lok volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku;

9) fl-istess data, hin u lok kellu fil-pussess tieghu sikkina fil-hin li wettaq l-imsemmija reati;

10) nhar it-23 ta’ Jannar 2007 u fil-granet ta’ qabel zamm u garr arma bil-ponta cioe` sikkina minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta` tal-persuna msemmija.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Josef Galea jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-16 ta' April 2007 li permezz taghha ddikjara li wara li ra l-atti tal-kumpilazzjoni maghmulin kontra l-imsemmi Josef Galea, billi jidhirlu li mill-kumpilazzjoni msemmija jistghu jinsabu htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub:

(a) fl-artikolu 216((1)(a)(ii) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikolu 217 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) fl-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) fl-artikoli 55, 56 u 57 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(l) fl-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(m) fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

baghat lura lil dik il-Qorti l-atti tal-kumpilazzjoni msemmija biex jigi ggudikat minn dik il-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat l-azzjoni estinta fir-rigward tal-kontravvenzjonijiet kontemplati fl-artikoli 339(1)(d) u 339(1)(e) stante rinunzja tal-parti leza, ma sabitx lill-imsemmi Josef Galea hati taht l-artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, izda sabitu hati tal-ewwel it-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet skond l-artikoli 216(1)(b), 141, 338(bb), 338(dd) u 339(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena mid-data tas-sentenza appellata a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghall-hlas ta' ammenda

komplessiva ta' mitt euro (€100) ghall-offizi kontravvenzjonali. Inoltre a tenur ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 9 ordnat il-konfiska tas-sikkina;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Josef Galea pprezentat fil-5 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitux hati ta' l-imputazzjonijiet (4), (5), (8), (9) u (10), u billi tirrevokaha fejn instab hati tal-akkuzi (1), (2), (3), (6) u (7), u ssibu mhux hati tal-istess imputazzjonijiet u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li fl-incident in kwistjoni huwa ddefenda ruhu mill-aggressjoni ta' Elasrag u qabad l-ewwel oggett li sab vicin tieghu; (2) li kif Elsarag pprova jahtaf is-sikkina minn id l-appellant, wegga' lilu nnifsu; (3) li fir-rigward tat-tieni imputazzjoni (i) din hi biss aggravanti li ma giet marbuta ma' ebda reat specifiku; (ii) li r-rikorrent mhux ufficjal pubbliku; (iii) li anke jekk wiehed jorbot ic-cirkostanza aggravanti mar-reati li taghhom instab hati, xorta ma jirrizultax li huwa kellu xi obbligu li jissorvelja li ma jsirux dawn ir-reati, jew minhabba l-kariga tieghu jew ghaliex kien fid-dmir tieghu illi ma jsirux tali reati; (4) li ma kellux jinstab hati tat-tielet imputazzjoni ghax l-azzjoni difensiva tieghu ma tistax tigi meqjusa bhala theddid; (5) li ma kellux jinstab hati tas-sitt imputazzjoni ghax kien Elasrag li hebb ghalih; (6) li lanqas ma kellu jinstab hati tas-seba' imputazzjoni ghax l-incident sehh fil-kcina ta' residenza privata.

L-ewwelnett, b'referenza ghat-tielet aggravju in kwantu jirrigwarda l-aggravanti skond l-artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biex ikun hemm l-applikabilita` ta' dan l-artikolu, l-ufficjal pubbliku koncernat irid ikun ikkommetta reat "li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba

l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi". Meta sehh l-incident in kwistjoni, l-appellant ma kienx qieghed jezercita dmirijiet skond kif provdut fl-Avviz Legali 66/1980 intitolat Ordni dwar l-Ghoti ta' Setghat lill-Forzi Armati ta' Malta.[1] Ghalhekk dan l-aggravju huwa milqugh.

L-aggravji l-ohra jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk din il-Qorti ezaminat l-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti. Jidher li dan l-incident sehh meta l-appellant, li r-relazzjonijiet bejnu u martu ma kinux wisq felici, mar ifittex lil martu u uliedhom fid-dar ta' l-anzjani Villa Robinich, il-Fgura, gestit minn omm il-mara tieghu u l-partner taghha Ibrahim Hassan Yousef Elasrag. Huwa dahal fil-kcina u beda jirrabja ghax insista li martu tmur lura d-dar mieghu. Martu rrifjutat. Beda jghajjat u jidghi, intervjena Elasrag li tah daqqtejn go wiccu. Rose Marie Attard, omm il-mara ta' l-appellant, tghid li dak il-hin l-appellant donnu nhasad, telaq u rega' dahal fil-kcina ftit wara jsaqsi fejn kienet martu, li sadattant Doris Casha (li tahdem fl-imsemmija dar) kienet haditha ghandha. L-appellant qabad sikkina u lil Elasrag qallu "Issa ejja ggieled!" Rose Marie Attard tghid li dak il-hin l-appellant resaq lejn Elasrag. Elasrag jghid li lill-appellant qallu biex joqghod kwiet u biex inehhi s-sikkina minn quddiemu "u laqatni f'idejja".

Minn dan huwa evidenti li l-appellant ma qabadx is-sikkina sabiex jiddefendi ruhu minn Elasrag peress illi l-aggressjoni kienet diga` sehhet u l-appellant kien telaq 'il barra mill-kcina izda mbaghad rega' dahal. Ghalhekk l-aggravji fejn qieghed jallega li dak li ghamel ghamlu biex jiddefendi lilu nnifsu huma michuda. L-appellant jallega li Elasrag wegga' lilu nnifsu meta mar jahtaf is-sikkina minn id l-appellant. Hekk jghid ukoll fl-istqarrija tieghu. Seta' Elasrag ipprova jahtaf is-sikkina minn id l-appellant, izda kien l-appellant li kellu s-sikkina f'idu ppuntata lejn Elasrag

[1] Ir-regolament 2 jiprovdi: "Fil-qadi ta' dmirijiet ta' *patrol*, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali, moghtija lilu mill-Kmandant tal-Forzi Armatl ta' Malta, sew jekk dawk id-dmirijiet isiru fuq l-art, fuq il-ba]ar jew fl-ajru, membru tal-Forzi Armati ta' Malta jkollu s-setgha li jezercita dawk il-funzjonijiet, setghat u dmirijiet kollha li bil-ligi huma vestiti f'ufficjal tad-Dwana jew f'membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta."

u li stieden lil Elasrag jiggieled, u kien il-moviment ta’ l-appellant li kkawza l-offiza f’id Elasrag.

In kwantu jirrigwarda s-sejbien ta’ htija tal-kontravvenzjonijiet kontemplati fl-artikoli 338(bb) u 338(dd), pero`, l-incident ma sehhx fil-pubbliku izda gewwa kcina u fi kwalunkwe kaz l-appellant ma giex akkuzat li dagha izda li qal kliem oxxen u indicenti. Ghalhekk ma setax jinstab hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet. Kwantu mbaghad s-sejbien ta’ htija skond l-artikolu 339(1)(b), li jipprovdi li huwa hati ta’ kontravvenzjoni kontra l-persuna kull min “minghajr ma jidrob jew isawwat, ihedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi ohra kontra n-nies”, peress illi Elasrag fil-fatt indarab, allura l-appellant ma setax jinstab hati ta’ din il-kontravvenzjoni. Biex jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 339(1)(b), ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li l-aggressur ma jkunx darab u ma jkunx sawwat lill-vittma bl-oggett li jkun qabad f’idejh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ l-aggravanti fl-artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll in kwantu sabitu hati tal-kontravvenzjonijiet kontemplati fl-artikoli 338(bb), 338(dd) u 339(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta u minnhom tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta’ ammenda ta’ mitt euro (€100), u tikkonfermaha fil-bqija, u cioe` in kwantu ddikjarat l-azzjoni estinta fir-rigward tal-kontravvenzjonijiet kontemplati fl-artikoli 339(1)(d) u 339(1)(e) stante rinunzja tal-parti leza, in kwantu ma sabitux hati skond i-disposizzjonijiet tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, u in kwantu sabitu hati talli nhar-it 23 ta’ Jannar 2007 ghall-habta tal-5.30 ta’ wara nofsinhar filwaqt li kien fir-residenza li tinsab fil-fond numru 7 ‘Villa Robinich’, Triq il-Kuluvert, Fgura, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta’ Ibrahim Hassan Yousef Elasrag mill-Fgura f’perikolu car, ikkagunalu ferita ta’ natura gravi permezz ta’ sikkina, kif iccertifikat minn Dr. Marcel Martinelli M.D (warrant mediku numru 1680) tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid, liema ferita ggiblu sfregju fl-id

ix-xellugija, u lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan li l-perijodu ta’ sena jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------